VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,069, 12 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 327 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Spatial Planning taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Spatial Planning taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma jeħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Spatial Planning;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Spatial Planning;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad-Diploma in Spatial Planning; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

VERŻJONI ELETTRONIKA

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki u / jew esperjenza li jissodisfaw lill-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt.

(3) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, qabel ma jidħlu fil-Kors, għandhom ikunu għaddew f'test ta' profiċjenża fil-Lingwa Ingliża kif approvat mill-Università, sakemm li l-applikanti li jkollhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi grad 3 jew ogħla fil-Lingwa Ingliża jew li jkollhom ċertifikat ta' kwalifika komparabbli fl-istess livell, għandhom ikunu eżentati milli joqogħdu għat-test ta' profiċjenza.

(4) Id-dħul għall-Kors jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun ristrett għall-applikanti li jkunu nominati mill-Awtorità tal-Ippjanar sakemm li dawn l-applikanti jkunu eliġibbli għad-dħul skont il-paragrafi (1), (2) u (3) ta' dan l-ordinament. Dan il-limitu għandu jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(5) L-applikanti li għandhom is-Certificate in Spatial Planning mogħti mill-Università jistgħu jidħlu fil-Kors ukoll. Suġġett għall-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali, dawn l-applikanti jistgħu jitħallew jittrasferixxu dawn il-kretti għall-Kors, mill-Bord tal-Istudji. L-għadd ta' kretti ttrasferiti m'għandhomx jaqbżu t-30 krettu ECTS.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sena ta' studju fuq bażi *full-time* jew sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju, li għandu jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS, għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux inqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat, jista' jkun kostrett li jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studji u jiksbu kretti kif indikat fil-

VERŻJONI ELETTRONIKA

programm ta' studju tad-Diploma, sakemm li l-programm ta' studju għandu jkun imfassal skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

6. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 30 krettu ECTS u jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li jkunu komplew ma jtemmux il-Kors b'suċċess, ikunu ntitolati għall-għoti taċ-Ċertifikat.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milhuq minn kull student fil-Kors għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

(3) L-għotja taċ-Ċertifikat ma tkunx ikklassifikata.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

8. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

9. L-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għas-Certificate in Spatial Planning taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 305 tal-2017, għandhom jitqiesu li spiċċaw mit-30 ta' Settembru 2018, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2018 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.